**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 10 ta' Novembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 221/2021 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C D f'isimha proprio u kif ukoll a nom u in rappreżentanza ta' bintha minorenni E D, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Minn relazzjoni illi r-rikorrenti kellu mal-intimata C D, twieldet il-minorenni E D fil-ħdax (11) ta' Jannar elfejn u ]mistax (2015).*

[1] Fol. 1.

2. *Fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minorenni bin-numru progressiv 347 tas-sena 2015 anness u mmarkat DOK A jirriżulta fil-kolonna "Isem u Kunjom" appartenenti għall-missier, il-minorenni ġiet reġistrata bħala "Unknown Father".*

3. *Kif ser jirriżulta mis-smiegħ u l-eventwali trattazzjoni tal-kawża, l-missier tal-minuri E huwa l-esponenti A B.*

4. *L-istanti aderixxa mal-proċedura kontemplata f'artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jirrikonoxxi l-istess minorenni bħala l-wild naturali tiegħu u dan billi pproċeda b'ittra uffiċċjali (Nru 46/2021) kontra l-intimata omm mibugħta fl-erbatax (14) ta' Mejju 2021 u notifikata lilha fis-sbatax (17) ta' Mejju 2021 (Dok B), l-intimata D baqgħet inadempjenti u naqset milli ddaħħal nota sabiex tikkonferma illi l-istanti huwa l-missier naturali tal-minorenni.*

5. *L-istanti jixtieq illi l-istat fattwali jiġi rifless fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minorenni sabiex dan l-att ikun jirrifletti r-realta' u sabiex in oltre' l-istanti jkun f'pożizzjoni illi jeżerċita u jaqdi d-drittijiet u l-obbligi tiegħu bħala missier.*

6. *L-istanti qiegħed jiddikjara illi huwa disponibbli illi jipprovdi kwalumkwe evidenza ġenetika u xjentifika li titlob din l-Onorabbli Qorti sabiex jissostanza t-talbiet tiegħu.*

7. *In oltre, ai termini tal-Artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istanti jixtieq illi kunjom il-minuri jinbidel għal 'B'.*

8. *L-istanti jiddikjara illi jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant, u fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jitlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti jogħoġobha:*

1. *Tiddikjara illi r-rikorrenti A B huwa l-missier bijoloġiku tal-minorenni E D li twieldet fil-11 ta Jannar 2015;*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaffettwa dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha neċessarji fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minorenni E D liema att iġib in-numru progressiv 347/2015, u dan billi:*

   a. *Jibdel il-kunjom tal-minorenni E D fil-kolonna "Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom "B" sabiex jiġi rifless il-kunjom tal-istanti missier;*

   b. *Iħassar il-kliem "Unknown Father" fil-kolonna "Isem u Kunjom" li tappartjeni għall-missier u minflok jitniżżel isem l-istanti "A B" bħala missier il-minorenni E D u kif ukoll jiġi miżjud kull fejn meħtieġ referenza għar-rikorrenti A B, senjatament iżda mhux limitatament ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar-residenza tiegħu, isem u kunjom missieru u jekk l-istass missier tar-rikorrenti A B huwiex ħaj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrenti A B u kwalsiasi tagħrif ieħor relattiv għar-rikorrent A Chetuti li jistgħu talvolta jidhru mal-Att tat-Twelid ċitat.*

3. *Tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-intimata C D.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C D,[2] fejn eċċepixxiet:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tikkonferma li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri E D. Illi tul ir-relazzjoni tagħhom li damet għal tmien snin, l-esponenti dejjem riedet tirreġistra lir-rikorrent bħala l-missier naturali, iżda r-rikorrent qatt ma ried u dan sabiex ma jkollux responsabiltajiet versu l-minuri;*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat minħabba vjolenza serja fuq l-esponenti u l-minuri mir-rikorrenti u kien hemm bżonn l-intervent tal-pulizija u attenzjoni medika;*

[2] Fol. 11.

3. *Illi l-esponenti sabet il-kuraġġ titlaq mir-relazzjoni f'Diċembru 2020, iżda minn dak iż-żmien 'l hawn hija xorta waħda baqet tagħti aċċess tal-minuri lir-rikorrent u dan sakemm ir-rikorrent ħebb serjament għall-esponenti fil-preżenza tal-minuri, wara li faqa' l-bieb tal-bitħa tagħhom b'ċilindru tal-gas u ħebb għaliha;*

4. *Illi sussegwenti dan, kien hemm diversi okkażjonijiet oħra fejn ir-rikorrent issekwestra lill-esponenti u lill-minuri bil-karozza, hedded li ser iweġġagħhom serjament, kif ukoll ikkaġuna ħsara fuq il-propjeta' tagħhom;*

5. *Illi għalkemm huwa minnu illi l-attur ippreżenta ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kappitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti ma tistax ma tindikax illi din l-ittra ġiet ippreżentata biss f'Mejju tal-2021, jiġifieri sitt snin u għaxar xhur wara t-twelid tal-imsemmi minuri;*

6. *Illi di piu, in kwantu għat-tieni talba, l-minuri illum għandha kważi seba' snin u hija tidentifika ruħha bħala E D u għaldaqstant it-talba għat-tibdil fil-kunjom tal-minuri għandha tiġi miċħuda u dan stante li ma huwiex fl-aħjar interess tagħha;*

7. *Illi l-attur għandu 'record' kriminali u kellu diversi rapporti fil-konfront tiegħu li saru minn terzi;*

8. *Illi kemm-il darba il-Qorti takkolja t-talba tal-attur għal testijiet xjentifiċi neċessarji dawn għandhom isiru a spejjeż tal-attur;*

9. *Illi fid-deċiżjoni tagħha din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonsidra mhux biss l-indizji kollha ta' prova, iżda wkoll l-interess suprem tal-minuri fid-dawl tal-ħajja familjari illi l-minuri E D qiegħed jgħix preżentament.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li hu minn issa inġunt għas-*subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[3] fejn eċċepixxa:

1. *Illi fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri E D, l-esponent jissottometti illi mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lil-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, u b'referenza partikolari għat-talba 2(a) tal-attur, l-esponent jissottometti illi f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, u b'referenza partikolari għat-talba 2(b) tal-attur, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, id-dettalji personali tiegħu għandhom ikunu dawk applikabbli fil-mument tat-twelid tat-tarbija, u mhux id-dettalji tal-lum-il ġurnata, u għalhekk l-attur għandu, permezz ta' nota, jippreżenta d-dettalji personali korretti tiegħu, senjatament is-segwenti: (i) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri E, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri E, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru, u (7) Jekk missier l-attur kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri E. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex eventwalment tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

[3] Fol. 14.

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E D bin-numru progressiv 347 tas-sena 2015;[4]

Rat kopja tal-ittra uffiċjali datata 14 ta' Mejju 2021, fejn C D ġiet interpellata għar-reġistrazzjoni tal-minuri taħt isem l-attur, sabiex dan tal-aħħar ikun rikonoxxut legalment bħala missieru,[5] liema ittra ġiet debitament notifikata lill-istess C D nhar l-20 ta' Mejju 2021;[6]

Rat l-affidavit tal-attur A B;[7]

Rat l-affidavit tal-konvenuta C D'[8]

Rat id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2021,[9] fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta mill-attur u ħatret lil Dr Marisa Cassar sabiex twettaq dawk it-testijiet xjentifiċi fuq l-attur u l-minuri E D;

Rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar,[10] debitament maħluf u ppreżentat nhar il-11 ta' Frar 2022, fejn tikkonferma li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E D, li flimkien mal-imsemmi affidavit jinsab anness ir-riżultat tat-test ġenetiku;

Rat it-trattazzjoni tal-partijiet;[11]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[12]

---

[4] Fol. 4.
[5] Fol. 6.
[6] Fol. 7.
[7] Fol. 20.
[8] Fol. 32.
[9] Fol. 16.
[10] Fol. 17.
[11] Fol. 90.
[12] Fol. 82.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-atttur, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti dikjarazjoni ġudizzjali fis-sens li t-tifla E D, li twieldet mill-konvenuta C D nhar it-11 ta' Jannar 2015, u li fuq l-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru progressiv 347 tas-sena 2015 tinsab reġistrata bħala wild missier mhux magħruf u ġġorr kunjom ommha ossija *'D'*, hija fil-fatt it-tifla naturali tiegħu; kif ukoll sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta għalkemm tammetti li t-tifla hija fil-fatt il-bint bijoloġika u naturali tal-attur, tikkontendi illi l-attur huwa bniedem vjolenti, u li proprju wara sitt (6) snin li l-attur għoġbu li jirrikonoxxi lil bintu fuq l-Att tat-Twelid. Fi kwalunke każ, il-konvenuta toġġezzjona illi jkun hemm tibdil fil-kunjom tal-minuri u li hija tinkorri l-ispejjeż tal-kawża odjerna, Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

## 2. Provi Mresqa:

Il-provi mresqa fil-kawża odjerna huma s-segwenti:

*L-attur xehed permezz ta' affidavit*,[13] fejn rrileva li huwa u l-konvenuta kellhom relazzjoni intima, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri E D nhar il-11 ta' Jannar 2015. Huwa jikkonferma illi mit-twelid tal-minuri sal-mument li l-konvenuta telqet mid-dar li fiha kienu jgħixu bħala familja bl-indirizz ta' *"256, Flori Bonda, Triq il-Kanun, Santa Venera"*, huwa dejjem ħa ħsieb lil minuri u ħares l-interessi tagħha bl-aħjar mod li seta'. Jtenni li huwa dejjem pprova jqatta' ħin ta' kwalita' ma' bintu, u qatt ma kellu problemi li jwassalha u jiġborha mill-iskola tagħha. Madanakollu għal ħabta ta' Ġunju/Lulju 2021, l-attur jallega illi l-konvenuta telqet mid-dar u magħha ħadet lil binthom. Jiddikjara ukoll illi huwa qatt ma kien vjolenti fiżikament mal-attriċi u ma' bintu, u fir-rigward tal-episodju

[13] Fol. 22.

li semmiet il-konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha, l-attur jgħid illi l-konvenuta ma ridietx turih jew tagħtih lil bintu, u għax baqa' jippersisti, is-sieħeb il-ġdid tal-konvenuta nieżel għalih bis-sikkina. Finalment, l-attur jgħid illi ma jafx għalfejn il-konvenuta niżlet lil minuri taħt *unknown father* fuq l-Att tat-Twelid, meta kienet ċerta li l-attur huwa missierha. Għalhekk jtemm jgħid illi *"nixtieq illi nerġa' nibda naraha u nibni relazzjoni magħha kif kelli qabel. Nibza illi iktar kemm se jgħaddi ż-żmien, ir-relazzjoni tajba illi diġa kellna se tibda titfarrak, u wisq nibża li hi taħseb li jien abbandunajtha, u mhix ili daż-żmien kollu niġġieled biex niġi uffiċjalment rikonoxxut u finalment nibda naragħha. Kien għalhekk illi ftaħ din il-kawza sabiex niġi rikonoxxut formalment bħala missier E"*;

In kontro-eżami,[14] l-attur ikkonferma li ħarġet ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-konvenuta sabiex l-attur ma jersaqx lejha;

*Sensiela ta' ritratti li juru r-relazzjoni tal-attur mal-minuri E D*;[15]

*L-affidavit ta' Dr Marisa Cassar*,[16] fejn ikkonfermat illi *"ġbart il-kampjuni orali ta' C D, ta' E D u ta' A B, sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ta' DNA (Paternity Test). Mit-testijiet li għamilt irriżulta A B hu l-missier naturali ta' E D. Dan ir-rizultat jinsab dikjarat fir-rapport PT2101470 li jien iffirmajt"*.[17] Dan ir-rapport, jinsab anness mal-imsemmi affidavit. Permezz ta' dan ir-riżultat, it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

*Nota bid-dettalji tal-attur*,[18] li tispeċifika illi: (i) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu hija; (2) Ismu u kunjomu huma A B; (3) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri E D kienet dik ta' 23 sena; (4) Il-post tat-twelid tiegħu huwa Pieta'; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri E D huwa l-Imġarr, Malta; (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru huwa F B; u (7) Missier l-attur kien ħaj meta twieldet il-minuri. Permezz ta' din in-nota, ir-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata;

[14] Fol. 83.
[15] Fol. 24 – 28.
[16] Fol. 17.
[17] Fol. 18.
[18] Fol. 29.

*L-affidavit tal-konvenuta,*[19] fejn tikkonferma li ltaqgħat mal-attur fis-sena 2013 ġewwa l-klabb ta' Gianpula, fejn żammew f'kuntatt u kultant kienu jiltaqgħu. Wara relazzjoni intima li kellhom il-partijiet, il-konvenuta saret taf li ħarġet tqila, u hekk kif qalet b'dan lill-attur, hija tallega li l-attur ma riedx jaf b'relazzjoni serja magħha iżda ried ikompli jgħix u jgawdi ħajtu. Jingħad li t-tqala għamlitha kollha waħedha u l-attur qatt ma pprovda sapport. Madanakollu, meta nfurmat lill-attur li kienet waslet biex twelled, huwa mar jaraha tant li wara t-twelid l-partijiet baqgħu f'kuntatt u ġieli kien jmur jara lil minuri. Tispjega illi in vista li kienet marret tirreġistra lil minuri waħedha, ma kienx hemm lok li l-minuri tkun reġistrata fuq isem l-attur hekk kif dan ma ħax interess li jirreġistra l-minuri fuq ismu flimkien mal-konvenuta. Jiġi ppreċiżat illi r-relazzjoni tagħhom kienet waħda diffiċli, u l-attur baqa' fil-maġġor parti jgħix ħajja ta' ġuvni filwaqt li jiġi allegat li huwa kien vjolenti fil-preżenza tal-minuri. Finalment tikkontendi illi *"Climt fetaħ dawn il-proċeduri minn meta jiena temmejt ir-relazzjoni tagħna u wara li jien għażilt li ma naħfirx għal proċeduri kriminali li għamilt kontrih. Kien hemm biss fejn A indenja ruħu jieħu passi, iżda minkejja dan, xorta waħda għadu b'theddid u sew jien kif ukoll binti ngħixu fil-biża'"*. Il-konvenuta tgħid li llum il-minuri għandha seba' (7) snin u tiddentifika bil-kunjom D, u għalhekk ma tarax illi tali kunjom għandu jinbidel;

In kontro-eżami,[20] il-konvenuta tikkonferma li kienet ilha f'relazzjoni mal-attur għal seba' (7) snin. Tispjega illi meta qaltlu li ha tirreġistra lil minuri, huwa baqa' ma tahiex risposta iżda sempliċiment qalilha *"mur irreġistraha"*,[21] u b'hekk qabdet u marret waħedha;

*Ix-xhieda ta' PS 2230 Anna Marie Vella in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija,*[22] fejn ipreżentat ir-rapporti li saru minn C D fil-konfront ta' A B, kif ukoll il-fedina penali tiegħu. Fil-fatt ġew ippreżentati: (i) rapport datat 31 ta' Lulju 2021,[23] (ii) rapport datat 24 ta' April 2021,[24] (iii) rapport datat 24 ta' April 2021,[25] (iv) rapport datat 19 ta' Settembru 2020,[26] (v) rapport datat 12 ta'

[19] Fol. 32.
[20] Fol. 86.
[21] Fol. 87.
[22] Fol. 38.
[23] Fol. 39.
[24] Fol. 43.
[25] Fol. 51.
[26] Fol. 56.

Settembru 2020,[27] (vi) rapport datat 14 ta' Lulju 2020,[28] (vii) rapport datat 22 ta' Ġunju 2020,[29] (viii) rapport datat 28 ta' Novembru 2019,[30] (ix) rapport datat 24 ta' Settembru 2017,[31] u (x) l-fedina penali tal-attur;[32]

*Ix-xhieda ta' Stefania Calafato in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali*,[33] fejn ikkonfermat illi hemm sentenza waħda mogħtija kontra l-attur, mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud nhar il-15 ta' Diċembru 2015;[34]

## 3. Il-Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:*

*Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun biħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:*

[27] Fol. 60.
[28] Fol. 63.
[29] Fol. 67.
[30] Fol. 71.
[31] Fol. 73.
[32] Fol. 76.
[33] Fol. 78.
[34] Fol. 79.

*Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkungħamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili.*

*(2) Meta ż-żewġ ġenituri, jew il-werrieta tal-ġenitur li wiled, meta dak il-ġenitur li wiled ikun mejjet, jaqblu li jibdlu l-kunjomindikat fl-att tat-twelid fil-mument tar-reġistrazzjoni, għandha ssirreferenza għal dan il-qbil fl-ittra uffiċjali u fin-nota relattiva kifimsemmi fis-subartikolu (1), sakemm tali kunjom huwa permissibbli skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 92(1)".*

Referenza trid issir għall-Artikolu 100A, li jrid jinqara kontestwalment mal-Artikolu 70A subinċiż 1, li jipprovdu hekk rispettivament:

*"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."*

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

Magħdud mal-premess, referenza trid issir għall-Artikolu 92 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili u dan fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-iben:

*"Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm".*

**4. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:**

Mill-provi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta C D twieldet it-tifla E D fil-11 ta' Jannar 2015, u li din ġiet reġistrata fir-Reġistru Pubbliku bħala wild ta' missier mhux magħruf. In propożitu l-attur jgħid li huwa kellu interess f'bintu u ma jafx eżatt għaliex bintu ġiet reġistrata taħt missier mhux magħruf. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat l-ammissjoni tal-konvenuta kif ukoll l-affidavit u r-rapport anness ta' Dr Marisa Cassar, fejn ġie kkonfermat illi l-attur huwa fil-fatt missier il-minuri. Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma li r-rekwiżiti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni tal-attur tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma jeżisti l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-minuri ġialadarba huwa ppruvat bl-aktar mod ċar u inekwivoku li E D hija l-wild naturali tal-attur A B. Għaldaqstant hekk jirriżulta li t-tieni (2) eċċezzjoni tad-Diretur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Stabbilit il-premess u b'referenza għar-raba' (4) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirriżulta illi din ġiet ukoll sorvolata. Il-Qorti tinnota illi d-dettalji tal-attur A B ġew ippreżentati permezz ta' nota ppreżentata nhar il-11 ta' Jannar 2022, liema dettalji huma neċessarji għall-finijiet tal-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri u dan b'referenza għat-talba tal-attur u kif ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Qorti tara li l-attur jitlob li l-minuri għandu jassumi kunjomu, u ċjoe' *'B'*. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li l-konvenuta oġġezzjonat għal tali talba, anzi tisħaq illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri li din tibqa' b'kunjom ommha ossija *'D'*. Għaldaqstant, il-Qorti rat Artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili, il-ġiurisprudenza nostrana u kif ukoll l-eta' tal-minuri. Jidher li l-minuri għandha seba' (7) snin u għalhekk għadha relattivament żgħira. Wara li l-Qorti ħasbet ferm dwar is-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tinsab moralment konvinta illi f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri din għandha tassumi iż-żewġ kunjomijiet, u ċjoe' *'B D'*. Għalkemm huwa minnu li tifla ta' seba' snin tkun bdiet tifforma identita' tagħha nnifisha, madanakollu jibqa' l-fatt illi l-Qorti dejjem rat illi f'tali eta', minuri tkun xorta waħda għadha kapaċi tadatta ruħha għal ċertu tibdil.[35] Il-Qorti tara li l-minuri taf lill-attur u li dan huwa

[35] F'dan is-sens ara s-sentenza fl-ismijiet **Daniela Seisun pro et noe vs Aaron Magro et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti ħalliet żewġt aħwa ta' sittax-il sena u ħdax-il sena b'kunjom l-omm, u saħqet illi: *"Ukoll hija opportuna l-osservazzjoni li zgur ma jkunx fl-interess taz-zewg minuri li l-bidla fil-kunjom tigi accettata fil-kbir u mhux fiz-zghir, semplicement ghax ta' l-ahhar ghandu biss 11-il sena. Il-Qorti hija*

missierha, b'hekk din mhux ħa tkun bidla drastika fl-identita' tal-minuri, speċjalment b'dana illi kunjomha ser ikun jirrifletti ż-żewġ kunjomijiet tal-ġenituri tagħha.

Finalment u rigward l-ispejjeż, mill-atti jidher li ż-żewġ partijiet ipprokrastinaw ferm sabiex il-minuri tkun reġistrata fuq isem l-attur. Madanakollu l-Qorti ma hijiex tal-fehma illi l-konvenuta hija kredibbli fis-sens illi l-attur kien qalilha sabiex ma tirreġistrax lil minuri fuq ismu, hekk kif in kontro-eżami l-verżjoni tagħha kienet inkonsistenti. Il-Qorti bil-wisq taħseb li l-minuri ma ġietx reġistrata fuq isem l-attur mhux għax il-konvenuta ġiet prekluża milli tagħmel dan mill-attur, iżda għal raġunijiet oħra ulterjuri. Għalhekk issa li l-partijiet ma għadhomx flimkien, l-attur għażel li jirrikonoxxi lil bintu sabiex ikun f'pożizzjoni li jirregola d-drittijiet u d-dmirijet tiegħu bħala missier. Fil-verita' il-Qorti ma tistgħax tifhem kif wara dak kollu allegat fil-konfront tal-attur, ma kienetx proprju l-konvenuta stess li pproċediet bil-kawża kontra l-attur sabiex tissalvagwardja l-interessi ta' bintha.

Għalhekk, il-Qorti tara illi fis-sitwazzjoni odjerna, l-attur ma kellu l-ebda għażla ħlief li jipproċedi b'ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ġialadarba l-konvenuta naqset li tirrispondi għal tali ittra fit-termini tal-artikolu preċitat wara li ġiet debitament notifikata nhar l-20 ta' Mejju 2021, l-attur ma kellux triq oħra ħlief li konsegwentament jistitwixxi l-proċeduri odjerni biex jiġi ddikjarat minn din il-Qorti bħala l-missier naturali tal-minuri. Fid-dawl tal-premess, l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni inkluż dawk tal-ittra uffiċjali, ser jigu allokati lill-konvenuta C D.

## DEĊIDE:

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur A B huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri E D;

---

*tal-fehma li z-zewg ahwa m'ghandhomx ikollhom kunjom differenti mill-iehor, u ghalhekk dak li jghodd ghall-kbir ghandu jghodd ukoll ghaz-zghir".* Għalhekk filwaqt li l-Qorti ma kellha l-ebda dubju dwar tali l-kwistjoni fir-rigward tal-wild il-kbir li kellu sittax-il (16) sena, l-istess ma kienx fir-rigward taż-żgħir, iżda iddeċiediet li l-istess għandu japplika għal wild iż-żgħir sabiex ikun hemm konformita' bejn la-aħwa.

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' E D liema Att tat-Twelid iġib in-numru progressiv 347 tas-sena 2015, u dan billi jiġu kkanċċellati l-kliem *'Unknown Father'* fl-att imsemmi u minflok jiġu inseriti l-konnotati kollha tal-attur A B; u kif ukoll sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jniżżel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' E D, li jġib in-numru progressiv 347 tas-sena 2015, sabiex jistabbilixxi illi l-minuri għandha tassumi l-kunjom *'B D'*.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża odjern, inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 46/2021 għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta C D.